L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 24 ta' Ottubru, 2003

**Il-bhejjem kollha ndaqs**
**Fl-anniversarju ta' George Orwell (1903 – 1950)**

Il-bhejjem kollha ndaqs u ghandhom drittijiet in-daqs! U l-hniezer m,'humiex eccezzjoni! Ghalkemm nemmen li hawn hafna minnhom li diga fehmuni – ghall-ohrajn li qeghdin jinhasdu bi kliemi se nispjegalhom min huma l-bhejjem u min huma l-hniezer!

Ir-referenza tieghi ghall-ktieb ta' l-awtur Ingliz George Orwellhija cara. Din is-sena, jigifieri, fil-25 ta' Gunju 2003, gie ccelebrat ic-centinarju mit-twelid ta' dan l-awtur li kiteb bis-shih dwar il-politika ta' zmienu ghalkemm b'differenza. Orwell dejjem baqa' maghruf specjalment ghal zewg kotba minn tieghu, l-ewwel wiehed bl-isem ta' '1984' u l-iehor bl-isem ta' 'Annimal Farm' (Ir-Razzett ta' l-Annimali). Orwell baqa' maghruf ghal dan il-ktieb l-aktar minhabba li fi storja tat-tfal fejn il-hniezer, il-hmir u n-nghag li jitkellmu, iddeskriva ezattament x'kien qieghed jigri fit-tmexxija comunista Russa ta' zmienu.

L-istorja tghidilna li l-bhejjem gewwa r-razzett iddejqu taht it-tmexxija tal-bniedem u rvellaw kontrih u keccew 'il barra. It-tmexxija, minn idejn il-bniedem marret ghal idejn min? Il-hniezer. Ghall-bidu deher li kollox kien miexi sewwa. Kien hemm mexxej tajjeb li kellu jahrab mir-razzett (Leon Trotsky) u jmur joqghod go razzett iehor (il-Messiku) u mali telaq hu spicca jmexxi wahdu l-hanzir 'il-hazin' (Joseph Stalin).

Mela li kien gara hu li l-hniezer li ftit li xejn kellhom l-intenzjoni li jimxu bis-sewwa, spiccaw biex keccew jew qatlu lill-hniezer kollha li kellhom l-intenzjoni jimxu bis-sewwa. Izda fil-ligijiet il-godda li ghamlu ghar-razzet wiehed mill-kmandamenti tar-razzett kien li 'il-bhejjem kollha ndaqs'. M'ghandniex xi nghidu, hafna mill-affarijiet li kienu jkunu qeghdin jigru fid-dinja tal-hniezer kienu jinzammu mistura mill-annimali l-ohra, ghalkemm xi kultant qisha kienet tohrog xi haga li ggieghlhom ikemmxu naqra mohhhom u jibdew jinfixlu ghax ma jifhmuhiex jew ikun minghalihom li sa ftit jiem qabel ikun intqal xi naqra differenti. Sahansitra kien hemm miktub fuq hajt 'il-bhejjem huma ndaqs' u darba hanzir minnhom (il-propagandist) waqa' minn fuq sellum waqt li kien qieghed jaghmel xi haga mal-hajt. Kumbinazzjoni minn mindu waqa' mis-sellum il-kliem fuq il-hajt inbidel u sar jghid 'il-bhejjem huma kollha ndaqs imma xi bhejjem huma iktar indaqs mill-ohrajn' (All animals are equal but some animals are more equal than others'). Xi annimai donnhom qishom intebhu li fil-bidu l-kliem ma kienx l-istess imma qishom bezghu mill-hniezer.

Il-genju ta' George Orwell johrog minn hafna lati. Joghgobni ghax George Orwell kellu l-genjalita' li jinduna li nies fil-poter jistghu jabbuzaw bis-shih mill-poter taghhom taht ghajnejn l-istess nies li tellghuhom ghall-istess poter.

Barra minn hekk joghgobni hafna wkoll il-fatt kif Orwell juri kif Stalin uza l-pincipji politici tajba ta' Kart Marx – kien predikatur kbir taghhom u dejjem qalhom bil-kelma – ghalkemm fir-realta' kien qieghed jiksirhom kollha.

Joghgobni l-fatt kif Orwell juri ki fil-politiku jdur lura mill-kelma tieghu u fil-kaz ta' Orwell, l-annimali, jkollhom jibilghu kollox ghax ma jiftakrux x'intqal il-bierah. Anzi fil-kaz ta' Orwell kellu lill-hmara u fil-fatt mhux ta' b'xejn laqqamha hmara ghax kienet injoranta u la taf taqra u lanqas tevalwa. Mur ghidlu li n-nies tal-lum – 50 sena minn mindu miet hu – in-nies kollha jafu jaqraw u l-istess gideb, 'u-turns', bdil fic-cirkustanzi ghadu jsir! X'misthija! Min jaf kieku x'jghid fuqna!

Joghgobni wkoll il-motto l-iehor li holoq Orwell li bih, fil-ktieb – ghax dawn hum abiss affarijiet tal-kotba – il-hniezer jippruvaw idahhlu f'mohh l-annimali l-ohra fuq il-bnedmin u cioe', li 'kull min ghandu zewg saqajn huwa ghadu'. Dan juri car it-tattici tal-hasil tal-mohh tal-komunisti.

Joghgobni wkoll il-fatt li Orwell ghazel proprju lill-hanzir bhala s-simbolu tal-bniedem fil-poter u allavolja zgur li Orwell ma kienx jaf bil-Malti ghadu lanqas biss hu stess ma jaf (allavolja ilu li halliena) li hawn Malta mhux talli ghandna zewg kelmiet ghall-istess animal: marjal jew hanzir, talli sahansitra ghandna verb spejcali li jghodd hafna ghall-hanzir: il-verb "jixxahham"!

Nammetti li l-genju ta' Orwell jolqotni hafna. Is-simbolizmu tant qawwi tieghu johrog mil-lingwa tat-tfal. Izda trid tkun altru stupidu biex ma tifhmux.

Izda ovvjament ahna nghixu Malta u mhux ir-Russja. L-irregolaritajiet horox li gab mieghu l-Komunizmu fir-Russja li hareg mill-principji tajba tal-Marksizmu u spicca fi prattika kontra d-drittijiet tal-bniedem ma jezistux f'pajjizna.

Malta m'ghandniex min qieghed jabbuza mill-poter, lanqas m'ghandna min qieghed jibdel kliemu – iwieghed haga u jaghmel ohra – u lanqas m'ghandna xi nies huir daqs il-hmir tar-razzett ta' Orwell li jsibu z-zebgha mxerrda ma' l-art u ma jindunawx li l-kliem ta' fuq il-hajt gie mibdul. Lanqas ma nistghu nghidu li ghalina 'kull min ghandu zewg saqajn huwa ghadu'. Imma … rigward il-principju l-iehor li 'il-bhejjem huma kollha ndaqs' niddubita jekk hawn Malta zidnielux il-bicca ta' wara – 'imma certi bhejjem huma aktar indaqs minn ohrajn'.

Gewwa pajjizna facli tinduna persuna l-ahbarijiet ta' liema stazzjon issegwi. Skond l-informazzjoni li ghandha u dik li m'ghandhiex. Nassigurakom li nofs in-Nazzjonalisti ma jafux b'nofs in-Nazzjonalisti ma jafux b'nofs l-affarijiet li jigu rrapurtati minn Super One allura meta tkunu qeghdin tkellmuhom tassumux li certi affarijiet jafuhom. Specjalment f'kazijiet ta' rregolaritajiet ecc. il-qarrej ta' In-Nazzjon jew min jisma' Net News ikun jaf biss, jekk ikun jaf, il-verzjoni s-sabiha u msebbha taghhom.

Namira l-arti ta' min jaf iwassal b'tant kliem sabih ahbarijiet daqshekk koroh! Verament nammirah! Specjalment meta tirraporta l-falliment finanzjarju ta' gvern li huwa tieghek, irregolaritajiet, allegazzjonijiet ta' abbuzi, tkeccijiet u sospensjonijiet fuq nuqqas ta' etika jew skandli morali ecc.ecc. Tinsewx tghiduhomlhom intom lil dawn in-nies ghax qajla jkunu jafu l-verzjoni l-ohra u jaqghu ghal certu hasil tal-mohh delikat!

U l-problema ma tasalx biss hemmhekk. Mhux biss min jara stazzjonijiet jew jara gazzetti ufficjalment tal-Partit Nazzjonalista jista' jisfa vittma ta' din in-nuqqas ta' informazzjoni. Anke min jaqra gazzetti li allegatament huma indipendenti kif ukoll l-istess Xandir ta' l-istat!

Per ezempju, nhar is-Sibt harget l-ahbar dwar irregolaritajiet fit-tmexxija tal-Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Ghada. Jien kienu tarrfuli xi haga xi whud u qaluli: "Allahares tkun taf x'qieghed jigri!" Mid-dehra mhux l-annimali kollha ndaqs Malta ghax l-ahbar harget biss fuq Super One News, il-Maltastar.com u l-Orizzont.

Smajt sewwa l-ahbarijiet, hux tan-NET ovvjament, imma ta' TVM u ohrog il-ghageb fejn jidhlu rregolaritajiet ta' nies mahbubin mill-gvern ma jintqal xejn! Kellu jkunbiss gurnata wara l-PBS ticcaqlaq mentri l-Partit Laburista qieghed jallega li l-irregolaritajiet ilu jaf bihom minn madwar sena ilu.

Nixtieq nistaqsi ghax TVM joqghod jitqanzah biex jirraporta kazijiet bhal dawn? Jaqaw dawn il-kazijiet m'humiex ta' interess pubbliku? Specjalment billi huma flus mehuda proprju mill-pubbliku.

Imberkin dawk li jisimghu biss NET u TVM ghax qishom il-hmara tar-razzett ta' l-annimali. Tirgha u kollox jigri minn wara daharha bla ma tintebah! Imerbkin! Imberkin! Dik hija l-vera njoranza li nara li qieghda tirrenja bil-kbir fil-pajjiz. Sar hawn certa klassi ta' nies i adhiero qieghed

igieghlhom jahsbu li huma ghorrief – izda l-gherf taghhom qieghed jikkontrollahulhom hu! Dakli ma junux jafu, ma jkunux jafu – imma xorta jibqghu jahsbu li jafu kollox. Povri dawk li huma ghorrief f'dak li jaraw b'ghajnejhom u jisimghu b'widnejhom – jew ahjar – dawk li hadd ma jaghzel ghalihom dak li jaraw u jisimghu! Kemm hu aghar milli ma tafx tikteb!

**Turija ta' simpatija**
Izda finalment, nuri wkoll is-simpatija tieghi lejn il-haddiema kollha tax-Xandir ta' l-Istat, li hafna minnhom nafhom personalment bili kont ukoll nahdem maghhom ghal xi zmien, ghax zgur li ghaddejjin minn zminijiet difícil mhux biss huma, izda wkoll il-familji taghhom u jistghu jkunu huma minn ta' l-ewwel li jpattu ghall-inefficjenza ta' l-istess gvern li huma stess, minn jeddhom jew le, ghenu u appoggjaw b'xogholhom biex iwasslulu lehnu!

Din kienet il-grazzi li apparentament kienet rizervata ghalihom!